# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap: 2  Il-ħbieb iħobbuna**

**Lezzjoni:  2.9/2.10 Inħobbu lil Alla**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu x'inhu salm.
2. Jifhmu permezz tas-salm li Alla jħobbna tassew.
3. Japprezzaw Salm 27 – nistrieħu f'Alla li bagħtilna lil Ġesù.
4. Jiddiskutu mis-salm x'jistgħu jieħdu għall-ħajja tagħhom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Il-Ktieb tal-Bibbja
- Power point b'Salm 27.
- Ktieb ta' Taħriġ 2.6: *Inħobbu lil Alla.*



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Uri l-Ktieb tal-Bibbja lit-tfal.

- Spjega : Illum ser naraw xi xtaq jgħallimna Alla permezz tal-Kelma tiegħu li nsibuha fil-Bibbja.

- Iftaħ il-Ktieb tas-Salmi jew ikteb il-kelma SALMI fuq *interactive white board* u –tfal x'jaħsbu li tfisser il-kelma.

- Ħalli t-tfal jiddiskutu u jaqtghu xi tfisser din il-kelma.

- Spjega x'inhu salm. Salm hu speċi ta' poeżija li xi nies kitbu biex ifaħħru lil Alla jew biex jitolbuh jaħfrilhom, biex jgħidulu 'grazzi' jew biex jgħidulu dak li kienu jkunu qegħdin jaħsbu jew iħossu.

- Sib Salm 27 u aqrah.

- Fisser li kulma naqraw mill-Bibbja jgħallimna xi ħaġa fuq Alla jew xi ħaġa li Alla xtaq li aħna nagħmlu.

- Uri l-*power point point* li turi s-Salm 27 adattat għat-tfal

- L-ewwel aqrah inti bil-mod mbagħad huma jaqrawh miegħek.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Aqra l-ewwel żewg versi. Spjega li jekk Alla Huwa d-dawl tal-ħajja tagħna, jigifieri qed jurina t-triq biex nimxu fit-triq it-tajba u Hu salvana. Għaliex il-lighthouse hi importanti biex turi t-triq lill-baħħara?

- Staqsi li xi kultant aħna nibżgħu. Minn min nibżgħu?

- Spjega li xi kultant nibżgħu nagħmlu t-tajjeb u ninsew li Alla qiegħed magħna biex jgħinna nagħmlu dan.

- Staqsi x'inhu l-beżgħat tagħna. Ħalli lit-tfal jesprimu lilhom infushom. Spiċċa billi turi li m'għandna nibżgħu minn ħadd għax ħadd mhu aqwa minn Alla. Alla lest li jgħinna f'kull sitwazzjoni li nsibu ruħna fiha.

- Aqra ż-żewġ versi li jmiss u staqsi, jekk Alla qed jieħu ħsiebi u jien naf li Alla jħobbni u jieħu ħsiebi ta' veru, għalfejn għandi ninkwieta.

- Mela li qrajna s'issa qegħdin naraw kemm Alla jħobbna u jiġri x'jiġri Hu dejjem qed jiehu ħsiebna.



- Aqra ż-żewg versi tal-aħħar u staqsi,
    - Fejn hi d-dar t'Alla? Il-Knisja.
    - Min ikun hemm fil-Knisja? In-nies li jemmnu f'Alla.

---

- Staqsi: Alla kif jixtieq li aħna ngħixu fil-Knisja? (Hemm xi ħaġa waqt li nagħmluha fil-quddies ftit qabel it-tqarbin li tfakkarna li Alla hekk dejjem jixtieqna?) Nagħtu l-paċi lil xulxin għax Alla jixtieqna nkunu dejjem ħbieb ma' xulxin.

- Imma Alla jixtieqna nkun ħbieb fil-Knisja biss? Le, Alla jixtieqna nkunu ħbieb kullimkien.

- Ġesù stess qalilna. Stieden lit-tfal jiftakru x'għedna fl-aħħar lezzjoni. Ġesù qalilna, 'Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien'. Hawnhekk tista' toħloq role play ta' sitwazzjonijiet differenti fejn nuru li aħna vera ħbieb.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitjiet 2.6 u bħala klassi għinhom jimlew is-salm bil-kliem mogħti, kif ukoll il-*crossword*. Imla l-*crossword* u ħalli lit-tfal jimlewha miegħek.

- Aqra Attività 2 u wara li tiddiskuti stieden lit-tfal ipinġu l-kaxxa t-tajba bil-kulur addattat.

- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara u asal għall-konklużjoni li nagħmel x'nagħmel, meta nobdi bil-qalb inkun qed infaħħar lil Alla.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Aħna nafu li Alla qiegħed magħna u m'għandniex minn xiex nibżgħu.
2. Alla jixtieq li aħna nkunu ħbieb ma' kulħadd u kullimkien.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jitolbu lil Alla dak li jħossu u jħossuhom li jistgħu jafdaw għax iħobbhom.

Jgħinu aktar lill-oħrajn u jkunu

vera hbieb!



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Role play ta' sitwazzjonijiet differenti fejn nuru li aħna vera ħbieb.



## Nitolbu

O Alla għinna nemmnu iżjed fik

li inti tieħu ħsiebna dejjem.

Għinna nkunu ħbieb ma' kulħadd u kullimkien.

